MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 939/2012

Doris **Agius**

**vs**

**Peter Agius, Anthony Camilleri u martu Carmena Camilleri**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-17 ta' Settembru, 2012, li permezz tieghu, r-rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat il-15 t'Ottubru, 2009, l-intimat Peter Agius ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur favur Anthony u Carmen konjugi Camilleri fis-somma ta' disgha u sebghin elf, sitt mija u tlettax –il Ewro, (€79,613.00), bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%), u dan, in atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja, (ara fol 5);

1.2 Illi fl-istess kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti giet ukoll iskritta ipoteka specjali favur l-intimati konjugi Camilleri, u dan, fuq l-appartament internament immarkat numru wiehed (1), fil-livell ta' l-ewwel sular, formanti parti minn blokk numru tnejn u hamsin, (52), fi Triq Gafa`, il-Mosta, inkluz in-nofs indiviz tal-partijiet komuni u parti diviza tal-bejt, tal-kejl ta' circa wiehed u tmenin, (81) metri kwadri, li tinsab fuq in-naha ta' wara tal-blokk, kif

deskritta fil-paragrafu numru tnejn, (2) tal-istess rikors guramentat promotur, inkluz il-*washroom* u ipoteka generali, (ara fol 6);

1.3 Illi *a tenur* tal-artikli 1322 (3) (b) (f) u (l) tal-Kodici Civili, att ta' kostituzzjoni ta' debitu b'ipoteka generali u wahda specjali fuq immobbli, huma kkonsidrati bhala att t'amministrazzjoni straordinarja u li l-jedd li jwettqu dawn l-atti t'amministrazzjoni straordinarja imissu liz-zewg mizzewgin flimkien;

1.4 Illi l-kuntratt fuq riferit gie iffirmat mill-intimat Peter Agius biss minghajr il-kunsens tar-rikorrenti;

1.5 Illi ghalkemm l-intimata Carmena Camilleri tissemma' bhala komparenti fil-kuntratt *de quo*, ma jidhirx li effettivament iffirmat l-istess kuntratt;

1.6 Illi wara tali kostituzzjoni ta' debitu saret subbasta, dik numru 95/2010, fl-ismijiet Anthony u Carmen konjugi Camilleri vs Peter Agius;

1.7 Illi in segwitu ghall-istess subbasta indikata fil-paragrafu precedenti, il-fond indikat aktar qabel, (ara paragrafu wiehed punt tnejn, (1.2), gie liberat favur l-istess intimat Camilleri, (ara fol 8);

1.8 Illi konsegwenza tal-istess, ir-rikorrenti aderiet din il-qorti u talbitha biex:

1.8.1. Tiddikjara li l-imsemmi kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat il-15 t'Ottubru, 2009, li permezz tieghu l-intimat Peter Agius ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur, favur l-intimati Anthony u Carmen konjugi Camilleri, fis-somma ta' disgha u sebghin elf, sitt mija u tlettax –il Ewro, (€79,613.00), bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%), u dan, *in atti* tan-Nutar Dottor Mario Bugeja, fejn giet ukoll iskritta favur l-intimati konjugi Camilleri ipoteka specjali u ipoteka generali, huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

1.8.2. Tiddikjara irriti u nulli l-proceduri ta' subbasta numru 95/2010 fl-ismijiet Anthony Camilleri et vs Peter Agius, liberata fit-12 ta' Lulju, 2011;

1.8.3. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0 Rat ir-risposta guramentata tal-intimati konjugi Camilleri datata t-22 t'Ottubru, 2012, li permezz taghha sintetikament irrispondew ghat-talbiet tar-rikorrenti bil-mod segwenti:

2.1 Illi l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu bejn Peter Agius u l-intimati *de quo* hawn rispondenti, datat il-15 t'Ottubru, 2009, hu kuntratt validu u sar bil-kunsens tar-rikorrenti *ai termini* ta' prokura *in atti* tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri, datat is-17 t'April, 1993;

2.2 Illi r-rikorrenti kienet konsapevoli tat-trattattivi li zewgha l-intimat Peter Agius kien qed jikkonduci ma' l-intimati l-ohra Camilleri rigward id-debitu minnu lilhom dovut;

2.3 Illi l-proprjeta` ipotekata hi proprjeta` tal-intimat Agius u ma tiffurmax parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Doris, (ir-rikorrenti) u Peter, (l-intimat), konjugi Agius;

2.4 Illi ghalhekk, it-tieni (2) talba tar-rikorrenti hi guridikament insostenibbli;

2.5 Salv eccezzjonijiet ohra;

2.6 Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3 Rat il-verbal datat l-20 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu l-intimat Peter Agius informa lill-qorti li ma riedx ikun assistit minn avukat u li kien fi stat ta' kontumacja, (ara fol 25);

4 Rat id-digriet taghha datat il-21 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentanti legali tal-kontendenti, awtorizzat li t-trattazzjoni ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 26);

5 Ezaminat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-31 ta' Lulju, 2013, (ara fol 55);

6 Ezaminat in-nota tal-intimati konjugi Camilleri datata l-24 t'Ottubru, 2013, (ara fol 61);

7 Ezaminat ix-xhieda kollha ipprezentata, flimkien mad-dokumenti esebiti;

8 Rat il-verbal datat it-12 ta' Novembru, 2013, li permezz tieghu l-abbli rapprezentanti legali tal-intimati konjugi Camilleri iddikjarat li kienet qed tistrieh fuq is-sottomissjonijiet skritti taghha, (ara fol 65);

9 Tirrileva li l-intimat Peter Agius qieghed fi stat ta' kontumacja u li ghalkemm inghata l-opportunita` li jissottometti l-pozizzjoni tieghu skont il-ligi, ghazel li jippersisti fl-inattivita` tieghu;

Ikkunsidrat:

10.0 Illi skont l-affidavit taghha datat it-18 ta' Frar, 2013 ir-rikorrenti issostni s-segwenti: (ara fol 22);

10.1 Illi hi l-mara tal-intimat kontumaci Peter Agius;

10.2 Illi meta irceviet xi karti dwar xi subbasta kontra zewgha indikat fil-paragrafu precedenti, hi kienet thalli f'idejh u ma kienitx taghti kaz;

10.3 Illi fis-Sajf tas-sena 2012 kien mar marixxall u infurmaha li kien qed jezegwixxi mandat ta' zgumbrament tal-appartament Numru 1, 52, Triq Gafa`, il-Mosta;

10.4 Illi rinfaccata b'tali mandate ikkomunikat ma' zewgha li irritorna d-dar u inghata kopja tal-mandat *de quo*;

10.5 Illi mill-verifiki li sussegwentement issostni li ghamlet fir rigward irrizultalha s-segwenti:

10.5.1. Illi zewgha Peter Agius, (l-intimat), kien mar ghand in-Nutar Dottor Mario Bugeja fil-15 t'Ottubru, 2009, u iffirma l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu meritu tal-procedura odjerna, oltre ipoteka bhala garanzija;

10.5.2. Illi ssostni li qatt ma kienet taf x'kien qed jigri u qatt ma tat il-kunsens taghha biex zewgha jiffirma f'isimha;

Ikkunsidrat:

11.0 Illi l-intimati konjugi Camilleri sintetikament minflok isostnu s-segwenti:

11.1 Illi skont il-kuntratt *in atti* tan-Nutar Dottor Mario Bugeja datat il-15 t'Ottubru, 2009, l-intimat Peter Agius ikkostitwixxa ruhu debitur fl-ammont hemm indikat, oltre l-imghax hemm ukoll indikati, (ara fol 6);

11.2 Illi fir-rigward l-istess intimat Peter Agius iskriva ipoteka specjali favur l-imsemmija konjugi Camilleri kif dedott a fol 6;

11.3 Illi *a bazi* tal-istess dokumenti hawn riferiti fiz-zewg (2) paragrafi precedenti, l-intimati konjugi Camilleri ghaddew biex jezegwixxu l-istess ipoteka specjali bi procedura ta' subbasta;

11.4 Illi l-procedura odjerna hi biss tentattiv goff biex tistultifika l-ezekuzzjoni tad-drittijiet akkwistati mill-intimati konjugi Camilleri fil-konfront tal-intimat Agius;

Ikkunsidrat:

12. Illi l-allegazzjoni tal-istranjeta` kif allegata mir-rikorrenti ma tirrizultax suffragata mill-fatti kif jirrizultaw in atti;

13.0 Illi in effetti irrizulta sintetikament is-segwenti:

13.1 Illi l-intimat Camilleri kien sellef l-ammont involut f'din il-procedura lill-intimat Agius, u dan, permezz ta' skrittura privata ghand in-Nutar Dottor Pierre Falzon, (ara fol 29);

13.2 Illi sussegwentement l-intimat Agius kien accetta jaghmel garanzija bil-miktub ghall-istess ghand in-Nutar Dottor Mario Bugeja, u kien ghalhekk li kien gie redatt il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat il-15 t'Ottubru, 2009, (ara fol 6);

13.3 Illi jirrizulta li meta l-intimat kontumaci Peter Agius iffirma l-kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti kien gie verifikat li l-istess Agius kien ukoll qed jikkonkludi l-istess kuntratt f'isem martu – ir-rikorrenti Doris Agius – u dan, a bazi ta' prokura li l-istess intimat Peter kellu minghand l-imsemmija martu, (ara fol 30);

13.4 Illi wara li r-rikorrenti kienet rinfaccata bil-prokura minnha rilaxxata favur l-imsemmi zewgha, affermat li ghamlitha

> " … biex imexxi kollox hu f'ismi, m'hemmx ghalfejn noqghod nidher jiena", (ara fol 44);

13.5 Illi ghalhekk jirrizulta li dak sostenut mir-rikorrenti fl-affidavit guramentat taghha datat it-18 ta' Frar, 2013, (ara fol 22), li:

> " … lanqas ma tajt il-kunsens tieghi sabiex ir-ragel jiffirma f'ismi",

hi affermazzjoni li, tenut kont is-solennita` taghha naxxenti minn natura guramentata taghha, tizgwida u tintralcja l-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja;

Ikkunsidrat:

14. Illi konsegwentement l-edifizzju logiku tar-rikorrenti jikrolla;

Ikkunsidrat:

15. Illi *di piu`*, tenut kont tal-fatt li jirrizulta li l-fond meritu ta' din il-procedura jirrizulta li kien inxtara mill-intimat Agius permezz ta' kuntratt datat il-31 ta' Novembru, 1991, (ara fol 47), u li Doris u Peter Agius izzewgu fis-17 t'April, 1993, (ara fol 44), l-allegazzjoni

li l-proprjeta` in meritu kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-istess konjugi Agius, ma treggix;

Ikkunsidrat:

16.0 Illi l-prokura datata s-17 t'April, 1993, rilaxxata mir-rikorrenti Agius favur zewgha l-intimat Agius, hi wahda regolari, valida u effettiva, (ara fol 30), u jirrizulta s-segwenti:

16.1 Illi l-prokura *de quo* hi wahda ta' natura generali;

16.2 Illi minnha hemm biss eskluza d-dar matrimonjali;

16.3 Illi l-prokura giet regolarment transunta fl-atti tan-nutar redigenti;

16.4 Illi l-istess prokura tirrizulta li kienet ukoll giet uzata f'okkazjonijiet ohra mill-intimat Agius;

Ikkunsidrat:

17. Illi finalment ghandu jigi wkoll sottolineat li meta fiz-zmienijiet ahjar l-istess intimat Agius kien finanzjarjament possibbli ghalih biex ihallas xi pagamenti minnu dovuti lill-intimat Camilleri ghall-ammont kospikwu li kien sellfu, l-ircevuti rilaxxati jindikaw espressament li l-istess rikorrenti mhux biss kienet konxja tal-akkadut izda li kienet ukoll qed **tawtorizza** lill-istess zewgha l-intimat Peter Agius biex jeffettwa tali pagamenti, (ara fol 32 sa 36);

**DECIDE:**

18.0. Illi konsegwentement, in vista tas-suespost, din il-qorti hi sodisfatta li fid-dawl tal-istess, ir-rikorrenti ma ipprovatx it-talbiet kollha minnha elenkati fir-rikors guramentat promotur minnha intavolat, u tiddikjara ghalhekk:

18.1 Illi qed tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti Doris Agius;

18.2 Illi qed takkolji r-risposti kollha tal-intimati Anthony u Carmena konjugi Camilleri;

18.3 Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti Doris Agius;

18.4 Finalment tirrileva li stante li *prima facie* jirrizulta *ictu oculi* li r-rikorrenti Doris Agius spergurat ruhha b'dak minnha affermat fl-affidavit taghha a fol 22 meta bil-gurament taghha affermat li:

> " … lanqas ma tajt il-kunsens tieghi sabiex ir-ragel jiffirma f'ismi",

meta sussegwentement irrizulta li l-istess rikorrenti Doris Agius kienet irrilaxxat prokura favur zewgha datata s-17 t'April, 1993, biex proprju jaghmel dak li bil-gurament affermat li ma awtorizzatux li jaghmel, (ara fol 30 u 31), u minnha wkoll debitament iffirmata, tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-atti in dizamina jintbaghtu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga l-istess u jiddeciedi hemmx ragunijiet bizzejjed biex jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti Doris Agius ghall-gurament falz taht l-artiklu 106 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------